MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 361/2002/1

**Media.Link Communications Co. Ltd.**

**vs**

**Marga Ltd.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm1,827.00), rapprezentanti prezz ta' reklamar fuq il-mezzi tal-media tas-socjeta' attrici; ordnat mis-socjeta' konvenuta u mhux imhallas, skond kif jidher fuq l-istatements annessi u mmarkati Dok. A u B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-24 ta' Marzu, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------